MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2014

Numru. 13/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR NEIL HARRISON**

**VS**

**CARMEL SIVE CHARLES SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel sive Charles Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 387261 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer fit-12 ta` Gunju, 2002, u matul l-ahhar granet qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kapitolu 101, tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tar-raba` u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma` kienx bil-licenzja jew b'xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma` kontx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprovdi li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Talli ukoll ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, Magistrat Dr. A. Lofaro, LL.D, datata 6 ta` Lulju, 2000.

Il-Qorti qed tigi wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordnalu thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi dana l-imputat huwa akkuzat taht il-Kapitolu 101. Huwa nstab fil-pussess ta` erbgha u tletin (34) gramma kokaina u mizien tal-elettriku u ammont sostanzjali ta` flus kontanti liema kwantita` ta`droga u flus u l-ghodda elettronika. Illil l-Prosekuzzjoni ma tqisx illi din id-droga kienet

solament ghall-konsum personali. Dan kien fit-12 ta` Gunju, 2002 u l-incident gara f'San Gwann. Inghatat ukoll akkuza ta` ksur bil-kundizzjonijiet ta` sentenza sospiza tas-6 ta` Lulju 2000 liema sentenza sospiza kienet ghadha vigenti.

Illi l-Qorti semghet is-sussegwenti xhieda:

Spettur Neil Harrison, Jonathan Attard (PS602), Jason Caruana (PS 536), Nikolai Borg (PC213), Raymond Debono (PC103), Geoffrey Hughes (PS659), Mario mifsud (Spizjar Forensiku), Charles Farrugia (PC1099) u ilkoll gew sottoposti ghall-kontro-ezami intensiv. Nonostante dan, u fil-fehma ta` dina l-Qorti, l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi taghhom taht il-Kapitolu 101.

Illi xehed ukoll bil-gurament l-imputat. Il-verzjoni tieghu tal-fatti hija li l-*pick up* li go fih waqfuh il-Pulizija fejn huma sabu l-kokaina, kien il-*pick up* ta` missieru li kien jigi wzat minnu u minn ohrajn illi kienu flimkien jaghmlu xoghol ta` kisi u tibjid. Sabiex nifthiemu l-imputat jghid illi kellu zewg xogholijiet. Wiehed ta` *confectionary* u xogholu, principalment, kien li jqassam ir-ravjul kmieni filghodu bir-*refrigerated truck* u, x'hin jispicca, imur jghin lill-shabu li, huma u huwa, kienu jisservizzjaw ix-xoghol ta` *construction*, liema business kien jippartjeni lill-missier l-imputat.

Illi l-*pick up* li fih instabet id-droga kien jigi wzat ghall-garr tal-ghodda tal-missier u kienu isuquh kollha kemm huma. Hawn imsemmi erbgha (4) min-nies u dak in-nhar kien gie bih fuq il-*land* tax-xoghol, certu Frans Ebejer, li dak il-lejl kienu raqdu ghandu. Ghalhekk, l-imputat jichad illi d-droga u l-mizien elettriku huma tieghu.

Illi xehdu wkoll Charles Vella u Frans Ebejer. Charles Vella jixhed illi l-vann kienu juzawh l-erbgha (4) li huma li, dak iz-zmien, kienu fuq il-*lant* tax-xoghol. Huwa jghid illi dakinhar kien bih certu Joseph li kellu problema ta` droga izda ma jiftakarx x'inhu kunjomu jew il-laqam tieghu. Lanqas ma kien jaf fejn joqghod il-Qawra jew it-*telephone number* tieghu. Jaf biss illi dan Joseph kien imur id-Detox. Frans Ebejer ukoll jikkonferma li l-pick up kien izommu, li kienu juzah biex jistiva l-ghodda u pjanci u li kien jghaddi ghal Joseph hu u jigbru mill-pjazza ta` San Giljan fejn dan Joseph kien jghid li jghix, sabiex flimkien imorru fuq il-*land* tax-xoghol. Dan huwa in-kuntrast ahrax ma dak illi xehed Charles Vella li jghid illi dan Joseph kien jasal fuq il-land tax-xoghol fuq Piaggio skur. Lanqas dan ix-xhud, pero`, ma jafx min hu dan "Joseph" u fejn jista` jinstab.

Xehed ukoll Adrian Marmara, li jigi biz-zwieg mall-imputat, illi xehed illi kien xtara mutur Honda Phantom mill-imputat u li kien tah depozitu ta` hames mitt Lira Maltin (LM500), liema depozitu huwa kien tahomlu gurnata qabel ma l-imputat twaqqaf mill-Pulizija.

Xehed Pierre Mifsud illi jikkonferma li l-imputat u shabu kienu qiedghin jaghmlu xoghol ta` tibjid fil-hanut tieghu gewwa Ganu Street, B'Kara. Jixhed illi l-vann tax-xoghol kienu jsuquh zewg lavranti li kienu juzaw ghax-xoghol. Jixhed illi l-imputat kien jigi biss filghaxija ghax huwa kellu xoghol iehor. Skont hu, dejjem il-haddiema jkunu bil-vann.

Xehed certu Charles Sammut illi, milli jidher, huwa r-raba` persuna tat-*team* illi kien qed jahdem fuq il-land tax-xoghol. Dana huh jismu Joseph u bil-gurament tieghu, huwa jikkonferma x-xhieda precedent ta` Frans Ebejer u Charlie Vella. Jghati *da intendere* illi f'dak iz-zmien, huwa kellu l-vizzju tad-droga. Dan ix-xhud isostni li l-imputat kien gie ghall-vann dak in-nhar fis-siegha u nofs ta` wara nofs in-nhar (13:30hrs) waqt illi hu l-ahhar li saqu kien fid-disgha u nofs ta` filghodu (09:30hrs). Pero ma jistax jissusstanza dina d-dikjarazzjoni tieghu stante li huwa halla l-*pick up* ipparkjah fid-disgha u nofs ta` filghodu (09:30hrs) u ma rahx iktar minn dak il-hin l'hemm sakemm huma spiccaw ix-xoghol taghhom fuq il-lant.

Illi xehed ukoll Noel Azzopardi li kien lavrant jahdem mal-imputat fit-taqsim tar-ravjul madwar Malta u Ghawdex. Jikkonferma li l-*pick up* ta` kulur *maroon* kulhadd kien juzah mhux biss l-imputat izda wkoll huwa stess u l-haddiema li kienu fuq il-lant tax-xoghol fit-31 Bar u dan ix-xhud ukoll jghati *da intendere* illi, f'dak iz-zmien, huwa wkoll kellu l-problema tad-droga.

Illi hawnhekk, dina l-Qorti taghmel riferenza ghall-verdett taghha, diversament ippreseduta tad-29 ta` Mejju, 2009. Tinnota li dina s-sentenza kienet giet appellata mill-imputat. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet laqghet l-appell tal-imputat stante illi sabet difetti procedurali billi sabet illi x-xhieda ta` xhud wiehed tad-difiza Noel Azzopardi, ma kienetx giet transkritta. In oltre, ordnat illi dina l-Qorti tiddeciedi din il-kawza mill-gdid wara dina t-transkrizzjoni u xi xhieda ohra li setghu jittellghu mid-difiza f'dan l-istadju.

Iz-zewg xhieda li nstemghu kien certu Charles u mhux Joseph Sammut u Noel Azzopardi. Ix-xhieda ta` dawn it-tnejn ma hija xejn konsistenti u, ghalhekk, ma hija xejn kredibbli.

Il-Qorti rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll qrat it-trattazzjoni finali taghhom.

Il-punti mqajjma mid-difiza fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha huma varji:

1. Rigward l-istat tal-borza li fiha nstabet id-droga mill-Pulizija u l-istat ta` dak li seta` gara mas-sejba tad-droga inkluz il-possibilita` li l-borza bid-droga kienet taht id-driver's *seat* (ghax tqedghet hemm minn-terzi) u inharget mill-Pulizija sabiex tigi ffotografata iktar facilment. Dan huwa possibli izda possibli wkoll illi l-borza tqattghet f'tentattiv disperat mill-imputat meta nduna li kien attira l-intenzjoni tal-Pulizija. L-istat ta` dina l-borza ma tikrea l-ebda dubju f'mohh dina l-Qorti ghaliex anke, jekk ghall-grazzja tal-argument, temmen illi l-borza bid-droga kienet that is-*seat* tad-driver u mhux hdejh, l-istess, il-korp tal-provi juri car illi *all along* l-imputat kien qed jipprova jizvija l-Qorti sabiex temmen illi kien xi hadd iehor responsabbli ghal dina d-droga.

2. Ir-reazzjoni aggressive tal-imputat mal-Pulizija. Waqt li wiehed jista jifhem ir-reazzjoni tal-imputat fil-mument, dina l-Qorti ma tistax tikkondona! Alla hares jekk kulhadd li jigi arrestat jikkomporta ruhu b'tali manjiera! L-avukat difensur qieghed jiggustifika tali agir ghaliex l-imputat kien qieghed jigi investigat ghal "reat ferm gravi li huwa ma ikkommettiex". Dawn huma kliemu biss.

3. Nuqqas ta` *finger prints*: Veru li dana kien nuqqas grossolan min-naha tal-awtoritajiet investigattivi specjalment fl-allegazzjonijiet sussegwenti tad-difiza li da nil-vann kien jinstaq minn diversi persuni, uhud minnhom bil-vizzju tad-droga. Din il-Qorti ghandha da nil-kummenti x'taghmel fuq dan:

   a) L-esponenti *a tempo vergine* seta jinsisti mal-Pulizija li jiehdu l-*finger prints*, iktar u iktar meta huwa kien konvint li d-droga kienet ta` xi hadd iehor;

   b) Xehedhu matul il-process il-maggoranza ta` dawk kollha li saqu dan il-*pick up* inkluz dawk ix-xhieda li dak iz-zmien, setghu kellhom xi problema ta` droga. Hadd minnhom ma ammetta li d-droga kienet tieghu u hadd ma saqsiehom;

c) Il-provi rimanenti l-ohra li tressqu mill-Prosekuzzjoni konvincenti tal-akkuzi minnhom migjuba.

4. Id-difiza qiedgha tilmenta dwar il-fatt illi ma sarux *searches* ohra fir-residenza u vetturi ohra tal-imputat. Dina l-Qorti ma qiedgha tara l-ebda htiega ta` dan. Il-Prosekuzzjoni sabet id-droga u l-mizien elettroniku gewwa l-karozza li kien qieghed isuq l-imputat fil-mument ta` sejba. Kien wahdu. Kellha l-kaz taghha.

5. Il-mizien ma kellu l-ebda tracca ta` droga skont l-ispizjar Mario Mifsud. Dan, ghall-Qorti, ma jfisser xejn. L-imputat kien qed jigi segwit ghal-diversi sieghat qabel ma gie imqwaqqaf u fl-ebda hin ma gie osservat jieqaf u jbiegh id-droga. Forsi, ghalhekk, il-mizien kien nadif. Izda dan ma jfissirx illi huwa ma kellu ebda intenzjoni li jbiegh id-droga, iktar tard u illi ma kienx qabel u nadfu. Anke dan l-argument tad-difiza ma jreggiex ilma.

6. Il-Qorti diga trattat il-fatt li da nil-vann kien jinstaq minn hafna nies. Biss, terga` tirrepeti, illi hadd minn dawk illi ttellghu jixhedu qatt ammettew illi d-droga kienet taghhom u hadd ma staqsiehom. Kif, *del resto*, diga ntqal,ix-xhieda in difiza specjalment Charles Vella u Noel Azzopardi m’huwiex affiddabbli. Jidher illi huma ikkocjati fix-xhieda taghhom tant li wiehed minnhom jiftakar okkazzjoni wahda meta l-imputat, li milli jidher, malajr jitlef it-tempra, irrabja mieghu li kienet, kumbinazzjoni, l-istess gurnata meta l-imputat instab bid-droga minghajr had ma staqsieh.

7. Id-difiza tilmenta dwar in-nuqqas ta` *mens rea*. Huwa difficli li din tipprovah izda dina l-Qorti hija konvinta li l-imputat kellu kull intenzjoni li jmexxi dina d-droga fil-pussess tieghu u wara dina l-intenzjoni billi garr dina d-droga fil-vettura li huwa kien qieghed isuq. Il-provi tal-Prosekuzzjoni qedghin hemm!

Fil-fehma tal-Qorti, xejn mill-fatturi ta` dan ir-reat ma inbidel bit-testimonjanza ta` dawn iz-zewg xhieda u ghalhekk ma tarax ghaliex ghar-ragunijiet gewwa premessi, m’ghandiex taghmel taghha l-konkluzjonijiet li ghalihom waslet il-Qorti ta` Prima Istanza fid-29 ta` Mejju, 2009 kif ukoll illi tinfliggi l-istess piena.

Ghalhekk, minhabba dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti qiedgha tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) u ghall-hlas ta` multa ta` tmien mija u tmenin ewro (€880). Jekk xi parti minn dina l-multa

ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) li ma jithallsux.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------